

**Emenda 38**

**Moritz Körner, Włodzimierz Cimoszewicz, Tomáš Zdechovský, Johan Van Overtveldt, Jan-Christoph Oetjen, Asger Christensen, Marion Walsmann, Attila Ara-Kovács, Michael Kauch, Michaela Šojdrová, Erik Poulsen, Milan Zver, Lukas Mandl, Petras Auštrevičius, Frédérique Ries, Norbert Lins, Stefan Berger, Miriam Lexmann, Svenja Hahn, Christine Schneider, Lena Düpont, Niclas Herbst, Markus Ferber, Daniel Caspary, Hildegard Bentele, Dennis Radtke, Karolin Braunsberger-Reinhold, Morten Løkkegaard, Monika Hohlmeier, Christian Doleschal, Sabine Verheyen, Axel Voss, Leszek Miller, Andreas Glück, Ljudmila Novak, Ralf Seekatz, David Lega, Andrey Kovatchev, Ondřej Kovařík, Ondřej Knotek, Martin Hlaváček, Martina Dlabajová, Dita Charanzová, Engin Eroglu, Bergur Løkke Rasmussen, Angelika Niebler**

**Rapport**

A9-0068/2024

**Victor Negrescu**

Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 50a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**50a. Jitlob li l-Kummissjoni tiżgura li l-entitajiet li jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-individwi talli dawn l-individwi wettqu jew ippruvaw iwettqu att terroristiku, jew huma relatati ma' xi ħadd li wettaq jew ipprova jikkommetti att terroristiku, ma jkunux eliġibbli għal finanzjament tal-UE; din ir-restrizzjoni għandha tapplika wkoll għall-finanzjament tal-UE lil partijiet terzi li jikkontribwixxu direttament jew indirettament għall-finanzjament ta' tali entitajiet;**

Or. en

**Emenda 39**

**Moritz Körner, Włodzimierz Cimoszewicz, Tomáš Zdechovský, Johan Van Overtveldt, Jan-Christoph Oetjen, Asger Christensen, Marion Walsmann, Attila Ara-Kovács, Michael Kauch, Michaela Šojdrová, Erik Poulsen, Milan Zver, Lukas Mandl, Petras Auštrevičius, Frédérique Ries, Norbert Lins, Stefan Berger, Miriam Lexmann, Svenja Hahn, Christine Schneider, Lena Düpont, Niclas Herbst, Markus Ferber, Daniel Caspary, Hildegard Bentele, Dennis Radtke, Karolin Braunsberger-Reinhold, Morten Løkkegaard, Monika Hohlmeier, Christian Doleschal, Sabine Verheyen, Axel Voss, Leszek Miller, Andreas Glück, Ljudmila Novak, Ralf Seekatz, David Lega, Andrey Kovatchev, Ondřej Kovařík, Ondřej Knotek, Martin Hlaváček, Angelika Niebler**

**Rapport**

A9-0068/2024

**Victor Negrescu**

Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 44a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**44a. Jistieden lill-Kummissjoni titlob li r-riċevituri kollha tal-fondi tal-UE fir-reġjun il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA) jiffirmaw dikjarazzjoni, li fiha jirrikonoxxu d-dritt tal-Iżrael li jeżisti u jikkundannaw l-antisemitiżmu; jitlob li l-Kummissjoni tissospendi l-pagamenti kollha lir-riċevituri li a) jirrifjutaw li jiffirmaw tali dikjarazzjoni, b) minkejja li jiffirmawha, jaġixxu kontra l-ispirtu ta' tali dikjarazzjoni, jew c) jikkontribwixxu direttament jew indirettament għall-finanzjament tal-benefiċjarji li jaġixxu kontra l-ispirtu ta' tali dikjarazzjoni;**

Or. en

**Emenda 40**

**Moritz Körner, Włodzimierz Cimoszewicz, Tomáš Zdechovský, Johan Van Overtveldt, Jan-Christoph Oetjen, Asger Christensen, Marion Walsmann, Attila Ara-Kovács, Michael Kauch, Michaela Šojdrová, Erik Poulsen, Milan Zver, Lukas Mandl, Petras Auštrevičius, Frédérique Ries, Norbert Lins, Stefan Berger, Miriam Lexmann, Svenja Hahn, Christine Schneider, Lena Düpont, Niclas Herbst, Markus Ferber, Daniel Caspary, Hildegard Bentele, Dennis Radtke, Karolin Braunsberger-Reinhold, Morten Løkkegaard, Monika Hohlmeier, Christian Doleschal, Sabine Verheyen, Axel Voss, Leszek Miller, Andreas Glück, Ljudmila Novak, Ralf Seekatz, David Lega, Andrey Kovatchev, Ondřej Kovařík, Ondřej Knotek, Martin Hlaváček, Martina Dlabajová, Dita Charanzová, Engin Eroglu, Bergur Løkke Rasmussen, Angelika Niebler**

**Rapport**

A9-0068/2024

Victor Negrescu

Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 42a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

**42a. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma kkundizzjonatx il-ħlasijiet lil pajjiżi terzi b'mod aktar effettiv bħala mezz biex jiġu infurzati l-interessi ġeopolitiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-politiki tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni, it-tħassib dwar id-difiża, kif ukoll fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet u stadji importanti speċifiċi għall-pagamenti tagħha lil pajjiżi terzi skont l-interessi politiċi partikolari tal-Unjoni u tissospendi mingħajr dewmien żejjed parti rilevanti mill-pagamenti jekk pajjiżi terzi jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti; jistenna li l-Kummissarji ddeżinjati responsabbli kollha fis-seduti ta' smiġh tagħhom jimpenjaw ruħhom għal dan il-kundizzjonament aktar strett ibbażat fuq l-interessi tal-baġit tal-UE lejn pajjiżi terzi;**

Or. en

**Emenda 41**

**Moritz Körner, Włodzimierz Cimoszewicz, Tomáš Zdechovský, Johan Van Overtveldt, Jan-Christoph Oetjen, Asger Christensen, Marion Walsmann, Attila Ara-Kovács, Michael Kauch, Michaela Šojdrová, Erik Poulsen, Milan Zver, Lukas Mandl, Petras Auštrevičius, Frédérique Ries, Norbert Lins, Stefan Berger, Miriam Lexmann, Svenja Hahn, Christine Schneider, Lena Düpont, Niclas Herbst, Markus Ferber, Daniel Caspary, Hildegard Bentele, Dennis Radtke, Karolin Braunsberger-Reinhold, Morten Løkkegaard, Monika Hohlmeier, Christian Doleschal, Sabine Verheyen, Axel Voss, Leszek Miller, Andreas Glück, Ljudmila Novak, Ralf Seekatz, David Lega, Andrey Kovatchev, Martina Dlabajová, Dita Charanzová, Angelika Niebler**

**Rapport**

A9-0068/2024

**Victor Negrescu**

Linji gwida għall-Baġit 2025 - Taqsima III  
(2023/2220(BUI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 46***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

46. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata fit-18 ta' Jannar 2024 li tirrikonoxxi r-rwol tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), li bħalissa qed tipprovdi refuġju għal aktar minn miljun persuna spostata internament u hija l-akbar pjattaforma għall-ġhoti ta' għajjnuna umanitarja lill-popolazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża, fejn il-popolazzjoni kollha qed tiffaċċja kundizzjonijiet umanitarji li qed jiddeterjoraw inkluż nuqqas ta' refuġju, ilma nadif, ikel u assistenza medika; itenni, għalhekk, l-importanza ta' finanzjament kontinwu u prevedibbli tal-UE; jilqa' l-fatt li n-NU nediet investigazzjoni mingħajr dewmien, wara l-allegazzjonijiet serji rigward individwi li kienu parti mill-persunal tal-UNRWA li allegatament kienu involuti fl-attakki terroristiċi kontra Iżrael tas-7 ta' Ottubru, u l-informazzjoni pprovduta u l-azzjonijiet fil-pront meħuda mill-Aġenzija, b'mod partikolari biex jintemmu immedjatament il-kuntratti

46. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata fit-18 ta' Jannar 2024 li tirrikonoxxi r-rwol tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA), li bħalissa qed tipprovdi refuġju għal aktar minn miljun persuna spostata internament u hija l-akbar pjattaforma għall-ġhoti ta' għajjnuna umanitarja lill-popolazzjoni tal-Istrixxa ta' Gaża, fejn il-popolazzjoni kollha qed tiffaċċja kundizzjonijiet umanitarji li qed jiddeterjoraw inkluż nuqqas ta' refuġju, ilma nadif, ikel u assistenza medika; itenni, għalhekk, l-importanza ta' finanzjament kontinwu u prevedibbli tal-UE; jilqa' l-fatt li n-NU nediet investigazzjoni mingħajr dewmien, wara l-allegazzjonijiet serji rigward individwi li kienu parti mill-persunal tal-UNRWA li allegatament kienu involuti fl-attakki terroristiċi kontra Iżrael tas-7 ta' Ottubru, u l-informazzjoni pprovduta u l-azzjonijiet fil-pront meħuda mill-Aġenzija, b'mod partikolari biex jintemmu immedjatament il-kuntratti

eżistenti; jinnota l-appell tal-Kummissjoni għal awditu estern li b'hekk jirrieżamina l-valutazzjoni tal-pilastru tas-sistemi ta' kontroll tan-NU, maqbula mill-UNRWA; jappoġġja s-sistemi ta' kontroll, monitoraġġ u skrutinju implimentati mill-Kummissjoni li jfakkru li l-użu tal-fondi tal-UE mill-benefiċjarji jrid jirrispetta r-regoli u s-salvagwardji tal-UE u d-dritt internazzjonali; ***jilqa', f'dan ir-rigward, li r-rieżami tal-Kummissjoni tal-għajnuna tal-UE lill-Palestina kkonkluda li l-kontrolli u s-salvagwardji eżistenti u effettivi fis-seħħ jaħdmu tajjeb u li s-salvagwardji ma nstabet l-ebda evidenza li l-flus ġew iddevjati għal skopijiet mhux intenzjonati, kif ukoll il-valutazzjoni tar-riskju u miżuri addizzjonali relatati;***

eżistenti; jinnota l-appell tal-Kummissjoni għal awditu estern li b'hekk jirrieżamina l-valutazzjoni tal-pilastru tas-sistemi ta' kontroll tan-NU, maqbula mill-UNRWA; jappoġġja s-sistemi ta' kontroll, monitoraġġ u skrutinju implimentati mill-Kummissjoni li jfakkru li l-użu tal-fondi tal-UE mill-benefiċjarji jrid jirrispetta r-regoli u s-salvagwardji tal-UE u d-dritt internazzjonali; ***jappoġġja l-isforzi li saru mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jipprovdu għajnuna umanitarja lin-nies fil-bżonn fir-reġjun tal-Lvant Nofsani; Jitlob, għalhekk, li l-fondi tal-UE li fil-passat kienu pprovduti għall-UNRWA għandhom fil-futur jiġu pprovduti għall-Programm ta' Żvilupp tan-NU (UNDP), il-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) u l-Aġenzija tan-NU għar-Refuġjati (UNHCR);***

Or. en